MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 22/2002

**Frankie Tonna**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Frankie Tonnaipprezentat fit-30 ta' Settembru 2002 fejn intqal is-segwenti:-

1. Illi b'decizjoni tas-26 ta' Gunju 2002, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet **"Frankie Tonna vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (ara Dok. "FT 1" anness) iddecieda li jichad l-appell u jikkonferma l-avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq bin-numru ECF 447/87;

2. Illi l-esponent ihossu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk permezz tal-prezenti qed jinterponi umli appell mill-istess decizjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bir-rispett kollu l-aggravju ta' l-appellant huwa car u manifest ghaliex il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar applika ligi li ma kenitx applikabbli fil-kaz odjern u dan billi bbaza s-sentenza tieghu fuq l-**artikolu 52 (11) ta' l-Att dwar l-Izvilupp u l-Ippjanar (Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta)** liema artikolu gie promulgat u sar ligi fl-1 ta' Frar tas-sena 2002;

Illi l-gurisprudenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell stabbiliet li kwistjoni ta' ligi tranzitorja jikkwalifikaw bhala punt ta' ligi deciz mill-Bord (ara **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni Ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – deciza 31 ta' Mejju 1996) u li ghalhekk jaqghu taht l-iskrutinju ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

Illi rigward il-mertu, l-aggravju ta' l-appellant huwa li, la darba l-avviz ta' twettiq kien inhareg fis-sena 1997, il-Bord ta' L-Appell dwar l-Ippjanar fid-decizjoni tieghu kellu japplika l-ligi kif kienet dak iz-zmien u mhux il-ligi kif emendata ricentement;

Illi jirrizulta li meta giet intavolata applikazzjoni sanatorja ghall-izvilupp koncernat fl-avviz ta' twettiq minn naha ta' l-appellant, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar iddifferixxa l-appell ghad-decizjoni (hekk kif jghid **l-artikolu 52 (11) tal-Kap 356 kif emendat**) u dan flok ma ssospenda s-smigh ta' l-appell sakemm ikun hemm decizjoni finali fuq l-applikazzjoni sanatorja, kif fil-fatt kienet il-procedura qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi;

Illi ghalkemm l-appellant fil-mori tas-smigh ta' l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar gab din in kwistjoni a konjizzjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kif ukoll prezenta nota ta' sottomissjonijiet li fiha ddiskuta l-istess punt, l-appell xorta wahda gie differit ghad-decizjoni;

Ghaldaqstant l-appellant, filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi gja prodotti u jirrizerva li jgib provi ohra skond il-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha, tiddikjara nulla d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tas-26 ta' Gunju 2002 fil-kaz fl-ismijiet **"Frankie Tonna vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (ECF 447/97)"** u tilqa` l-appell ta' l-esponent u/jew fin-nuqqas tirrevoka, thassar u tannulla d-decizjoni appellata in kwantu cahdet l-appell u kkonfermat l-avviz biex tieqaf u ta' twettiq u tordna li l-process relattiv jintbaghat lura lill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sabiex dan jiddeciedi l-kwistjoni skond il-ligi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Awtorita` appellata.

Rat id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar datata 26 ta' Gunju 2002 li minnha sar appell;

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghar-rikors ta' l-appell ta' Frankie Tonna;

1. Illi fis-sittax (16) ta' Mejju 1997 inhareg l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq 447/97 kontra l-appellant dwar il-fond Frankit, Triq Dingli, Buskett, l/o Rabat u li jghid hekk:

*"Ghandek 'swimming pool' minghajr permess f'zona skedata skond il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta datata 25 ta' Gunju 1996."*

2. Illi l-appellant intavola appell minn dan l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li b'decizjoni datata sitta u ghoxrin (26) ta' Gunju 2002 cahad l-appell u kkonferma l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq imsemmi.

3. Illi sussegwentement l-appellant intavola dan l-appell odjern mid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

4. Illi l-ligi li ghandu japplika l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hija dik vigenti dakinhar tad-decizjoni. Diversi drabi din l-Onorabbli Qorti ddecidiet illi jekk ikun hemm bidla fil-pjanti u/jew *policies* dwar l-Ippjanar, ghandhom

japplikaw dawk il-pjanijiet u *policies* vigenti meta tinghata s-sentenza tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u mhux dawk vigenti meta giet intavolata l-applikazzjoni originali. Fost is-sentenzi fejn din l-Onorabbli Qorti kkonfermat dan il-punt hemm dawk ta’ **“Angelo Farrugia vs l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar”** – decizjoni ta’ l-24 ta’ April 1996 – Appell Nru. 612/94 u **“Emanuel Mifsud vs l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar”** decizjoni tal-31 ta’ Mejju 1996 – Appell Nru. 63A/95.

Illi l-istess argument huwa applikabbli meta jkun hemm bidla fil-ligi, *stante* li hawnhekk il-ligi in kwistjoni ma hijiex xi wahda ta’ natura penali, fejn huwa maghruf li l-ligi ghandha tigi applikata hija dik meta jkun sar ir-reat, izda *si tratta* ta’ ligi normali, u l-Qrati u Tribunali Maltin dejjem sostnew li ghandhom japplikaw il-ligi kif emendata dakinhar li tinghata d-decizjoni.

Ghaldaqstant, il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar agixxa korrettement meta applika l-**artikolu 52(11) ta’ l-Att dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp** u b’hekk iddifferixxa l-appell ghas-sentenza u mhux issospenda s-smigh ta’ l-appell kif kienet il-procedura applikabbli qabel ma dahlet fis-sehh din l-emenda. Dan *stante* li skond id-dispozizzjoni hawn fuq imsemmija:

*“Jekk qabel ma jsir l-appell jew fil-mori ta’ l-appell, l-appellant jissottometti lill-Awtorita` applikazzjoni ghall-permess ghall-izvilupp, il-Bord ghandu jichad l-appell jekk ikun sodisfatt illi l-imsemmija applikazzjoni hija ntiza biex tissana l-izvilupp imsemmi fl-avviz ta’ twettieq.”*

*In vista* tal-permess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell datata sitta u ghoxrin (26) ta’ Gunju 2002 u tirrizerva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, Frankie Tonna, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Gunju 2002, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li bihom esebixxa *animo ritirandi,* l-file tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Frankie Tonna vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-Bord.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet ta' l-appellant, tal-25 ta' Frar 2003.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, tat-13 ta' Marzu 2003.

Rat l-atti kollha ta' l-istess appell.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appellant kien inhareg fil-konfront tieghu Avviz biex tieqaf u ta' twettiq minhabba *swimming pool* minghajr permess f'zona skedata skond il-Gazzetta tal-Gvern datata 25 ta' Gunju 1995 fil-fond "Frankit", Triq Dingli, Buskett l/o Rabat. Illi l-Bord ta' l-Appell iddecieda li jichad l-appell tieghu u kkonferma l-avviz. B'hekk interpona l-appell odjern.

Illi huwa qed isostni li l-Bord applika l-ligi li ma kinitx applikabbli fil-kaz odjern u dan billi bbaza s-sentenza tieghu fuq l-**artikolu 52 (11) tal-Kap 356** liema artikolu gie promulgat u sar ligi fl-1 ta' Frar 2002. Illi huwa beda biex isostni li skond il-gurisprudnza ta' din il-Qorti l-kwistjonijiet ta' ligi transitorja jikkwalifikaw bhala punt ta' ligi deciz mill-Bord u dan jirradika l-gurisdizzjoni tal-Qorti.

Illi huwa ssottometta li ladarba l-avviz ta' twettiq kien inhareg fis-sena 1997, il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kellu japplika l-ligi kif kienet dak iz-zmien u mhux il-ligi kif emendata recentement. Illi huwa qal illi meta giet intavolata applikazzjoni sanatorja ghall-izvilupp koncernat, il-Bord iddiferixxa l-appell ghad-decizjoni (skond kif l-artikolu appozitu gie emendat) u dan flok ma ssospenda s-smiegh ta' l-appell sakemm ikun hemm decizjoni finali, kif kienet il-procedura qabel ma dahhlu fis-sehh l-emendi.

Illi l-Awtorita’ eccepiet illi l-ligi li ghandu japplika l-Bord hija dik vigenti dakinhar tad-decizjoni u mhux dawk vigenti meta giet intavolata l-applikazzjoni originali. Dan hu applikabbli anki meta jkun hemm biddla fil-ligi. Il-ligi in kwistjoni ma hix wahda ta’ natura penali, fejn huwa maghruf li l-ligi ghandha tigi applikata hija dik meta jkun sar ir-reat, izda si tratta ta’ ligi normali, u l-Qrati u Tribunali Maltin dejjem sostnew li ghandhom japplikaw il-ligi kif emendata dakinhar li tinghata d-decizjoni. Kwindi l-Bord agixxa korrettement meta applika l-**artikolu 52 (11) tal-Kap 356** kif emendat.

Illi din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Awtorita’ u infatti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **“Charles Demicoli vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (App. Nru:41/01/RCP – 27 ta’ Jannar 2003) u tikkonferma dak kollu li ntqal. Jirrizulta li hemm gurisprudenza konstanti tal-Qorti tal-Appell fis-sens li l-ligijiet u l-*‘policies’* li ghandhom jigu applikati huma dawk vigenti fil-mument meta tittiehed id-decizjoni. Infatti fis-sentenza **“Angelo Farrugia vs Chairman ta’ l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (Q.A. (JSP) 24 ta’ April 1996) inghad:-

*“Finalment, fir-rigward ta’ l-ewwel aggravju li fil-kaz in ezami kellhom jigu applikati fil-konfront ta’ l-applikazzjoni ta’ l-appellant mill-Bord ta’ l-Appell il-kriterji vigenti meta saret l-applikazzjoni ‘billi dak iz-zmien il-Planning Area Permits Board kien japprova kostruzzjonijiet simili’, hi f’postha l-osservazzjoni ta’ l-intimat illi l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar tikkunsidra l-applikazzjonijiet skond il-policies u pjanti kif inhuma llum. Dana fit-termini ta’ l-Att 1 ta’ l-1992.”*

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza **“Emanuel Mifsud vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (Q.A. (JSP) 31 ta’ Mejju 1996 ) fejn intqal:-

*“Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, irid jinghad li l-fatt li l-appellant intavola applikazzjoni quddiem il-PAPB, (liema awtorita’ cahdet it-talba tieghu ghaliex ma kienetx konformi mar-regoli vigenti dak iz-zmien), certament ma*

*jikkreax ebda dritt kwezit fl-appellant li l-applikazzjoni succedenti li ghamel quddiem l-awtorita' l-gdida, cioe' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, tigi regolata skond u regoli anterjuri. Kien ikun differenti l-kaz li kieku l-applikazzjoni tieghu lill-PAPB giet akkolta. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet tkun marbuta li tirrikonoxxi permess li jkun hareg il-PAPB giet akkolta. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar kienet tkun marbuta li tirrikonoxxi permess li jkun hareg il-PAPB, mhux biss taht il-principji generali tad-dritt (billi l-att ikun gie* <u>*kompjut*</u>*), izda wkoll ghaliex il-ligi espressament tghidu. Infatti l-artikolu 63 ta' l-Att Nru.1 ta' l-1992 ghalkemm ihassar diversi ligijiet tar-regime antik, pero' jaghmel diversi riservi, fosthom il-proviso numru (iii) tas-subartikolu 2 ta' l-istess artikolu li jipprovdi li:*

*"kull permess mahrug jew moghti taht xi wahda mid-dispozizzjonijiet imhassra b'dan l-artikolu li jkun ghadu fis-sehh fid-data li hija sewwa qabel il-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, ghandu jkompli jkun operattiv ghall-perjodu u taht il-kundizzjonijiet li ghalih jew tahthom ikun inhareg jew gie moghti, izda ghandu ghall-ghanijiet kollha barra mit-tul ta' zmien jitqies li hu permess moghti mill-Awtorita`.*

*Illi konsegwentement, dina l-Qorti jidhrilha li l-Bord wasal ghall-konkluzjoni korretta dwar il-punt ta' dritt meritu ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellant, li ghalhekk ma jistax jigi milqugh."*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan ukoll ghandu japplika ghall-kaz odjern *stante* li jidher car li legalment l-istess Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar kellhu id-dover li jidddeciedi l-istess appell skond id-disposizzjonijiet tal-ligi vigenti fil-mument li kellha tinghata l-istess decizzjoni minnu, u fil-fatt tali disposizzjoni tal-ligi hekk citata hija mandatorja ghall-istess Bord, u ma hija suggetta ghall ebda eccezzjonijiet lanqas dawk transatorji; dan huwa konformi ma' gurisprudenza konstanti tal-istess Qrati nostrali f'dan ir-rigward u ghalhekk abbazi tal-premess, tiddeciedi billi tichad l-appell interpost stante li l-Bord agixxa korrettement meta applika l-**artikolu 52(11) tal-Kap.356** kif gie emendat ghax il-Bord ghandu japplika l-ligi vigenti ta' meta tkun qed tittiehed id-decizjoni u mhux

ta’ meta kienet saret l-applikazzjoni jew, bhal fil-kaz odjern, meta kien inhareg l-Avviz. Dan ovvjament salv xi disposizzjoni li jista’ jkun hemm fil-ligi li tipprovdi l-kuntrarju li f’dan il-kaz assulutament ma tezistiex.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet imsemmija dan l-appell ghandu jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-appellati fir-risposta taghhom tas-6 ta’ Awissu 2002, **tichad l-appell interpost mill-appellant Frankie Tonna fit-2 ta’ Lulju 2002,** u b’hekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar datata 26 ta’ Gunju 2002 fl-ismijiet **“Frankie Tonna vs. L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.”**

Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti Frankie Tonna.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------